A.L. 6 ta' l-1985

ORDINANZA DWAR L-ASSIGURAZZJONI TA' VETTURI TAL-MUTUR GHAR-RISKJI TA' TERZI PERSUNI (KAP. 165)

Regolamenti ta' l-1985 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sigurtà tal-Vejikli bil-Mutur

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 23 ta' l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, il-Ministru ta' l-Intern għamel ir-regolameti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1985 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sigurtà tal-Vejikli bil-Mutur, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1939 dwar is-Sigurtà tal-Vejikli bil-Mutur, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

G.N. 611 ta' l-1939

Jissostitwixxi l-Formula A ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok il-Formula A ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:-

"SKEDA

FORMULA A

ĊERTIFIKAT TA' ASSIGURAZZJONI TA' VETTURA BIL-MUTUR

Isem l-assigurat	Numru tal-Polza
	Numru taċ-Ċertifikat

Data meta tibda l-Assigurazzjoni fi a.m./p.m.	Data meta tagħlaq

Isem tad-detentur tal-polza

Indirizz

Nru. tad-dokument ta' l-Identità	JEW	Nru. tal-Passaport	Post u Data tal-Ħruġ

VETTURA BIL-MUTUR

Nru. ta' Reġistrazzjoni	Għamla	Sena tal-Manifattura
Nru. tal-Makna	Tip tal-*Body*	Kemm tesa' bil-qegħda
Nru. tax-*Chassis*	Makna C.C.	Kulur

Limitazzjonijiet għall-użu (*)

Aħna b'dan niċċertifikaw li Polza ta' Sigurtà li tkopri ir-responsabbilitajiet li għandhom ikunu assigurati skond l-Ordinanza dwar l-Assikurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kap. 165 inħarġet kif intqal hawn fuq.

(*) Limitazzjonijiet li jiġu bla effett bl-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza m'għandhomx jidħlu taħt l-intestatura."